**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 59/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**ANTHONY MALLIA**
**(I.D. 113275M)**

**Illum, 3 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ANTHONY MALLIA,** detentur tal-karta tal-identita' numru 0113275M tressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-14 ta' Jannar 2014 ghall-habta ta' 21.00hrs mill-fabbrika Nylon Knitting li tinsab fi Triq l-iljun gewwa Hal Qormi, flimkien ma' persuni ohra ikkommetta serq ta' cables liema serq jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erba' u disghin centezmu (€232.94) liema serq hu aggravat bil-hin, bil-valur u bil-mezz bi ksur tal-Art 261(b) (c) (f), Art 280 (1) (2), Art 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Gie akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi laqa ghandu hwejjeg misruqa li gew ghandu b'qerq kemm jekk Malta jew barra minn Malta meta dan kien jaf li kienu gejjin minn serq.

U aktar tard rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi senetenzi moghtija, mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistawx jigu mibdula [27/02/2009 Mag Dr.M. Haymann LLD, 17/05/2012 Mhallef Mallia LLD 27/05/10 Mag S. Demicoli LLD].

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant filwaqt li l-Ufficjal Prosekutur esebixxa il-fedina penali, estratt tac-certifikat tat-twelid, dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd ghall-parir legali u stqarrija bil-miktub, tal-imsemmi Anthony Mallia, umilment talab li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi u li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-imputat jiddepozita kull dokument fil-pussess tieghu li huwa validu ghall-ivvjaggar u dan fid-dawl ta' l-izvilupp tas-shubija ta' pajjizna fiz-zona Schengen ai termini tal-artikoli 6A (b) ta' l-Att dwar Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2018, liema htija giet ikkonfermata minnu wara li nghata hin biex jerga' jahseb dwar din l-ammissjoni, u kif ukoll finalment fl-udjenza tal-lum.

Rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza (*pre-sentencing report*) ipprezentat mill-Ufficjal tal-Probation fit-8 ta' Gunju 2018 a fol. 192 *et seq*. tal-atti;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn qed jitqiesu li gew debitament ippruvati.

In kwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni tieghu u l-fedina penali li m'hijiex wahda netta tant illi l-imputat ammetta li huwa recidiv.

Jirrizulta li l-imputat ghadda minn zmien difficli fil-passat meta nqalghu problemi familjarji li jidher li kienu nibtu minhabba li kellu problema ta' abbuz tad-droga, liema vizzju jidher anke mill-fedina penali tieghu. Skont ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation, filwaqt li llum jidher li jiddispjacih ghal dak li ghamel, l-imputat ghamel ukoll progress sostanzjali fil-kors ta' dawn il-proceduri biex jorganizza hajtu u hadem hafna biex jelimina l-problema tad-droga, tant illi llum ghandu hajja stabbli, impieg regolari kif ukoll relazzjoni tajba u kuntatt regolari ma' uliedu. L-istess Ufficjal tal-Probation irrakkomandat li fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, l-imputat jinghata sentenza komunitarja, specifikatament Ordni ta' Probation, sabiex huwa jista' jikkonsolida l-progress li ghamel anke billi jkompli jinghata l-ghajnuna jekk jenhtieg, kontra t-tehid tad-droga.

Din il-Qorti taqbel ma' tali rakkomandazzjoni u tqis li ma ghandhiex ittellef lill-imputat milli jibbenefika minn din l-opportunita` biex jirrijabilita ruhu, u ghalhekk se tpoggih taht Ordni ta' Probation. Madanakollu, wara li rat il-fedina

penali tal-imputat li minnha jidher car li din m'hijiex l-ewwel darba li l-imputat xellef dufrejh mal-ligi, sejra tpoggih taht dan l-ordni ghaz-zmien massimu li tippermetti l-Ligi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b)(c) u (f), 280(1)(2), 281 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat ANTHONY MALLIA hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment, liema digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti fissret lill-imputat, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni moghtija fil-konfront tieghu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gew nominati l-ebda esperti f'din il-kawza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**